Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji

2025/0581(CNS)

15.4.2026

EMENDI
3 - 9

Abbozz ta' rapport
Tomáš Kubín
(PE784.421v01-00)

Emenda tad-Direttiva (UE) 2020/262 dwar l-arranġamenti ġenerali għad-dazju tas-sisa fir-rigward tat-tabakk u l-prodotti relatati mat-tabakk

Proposta għal direttiva
(COM(2025)0581 – C10-0296/2025 – 2025/0581(CNS))

Emenda 3
César Luena, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Ix-xiri transfruntier tat-tabakk minn individwi privati, fejn il-prodotti jinxtraw fi Stat Membru wieħed u jiddaħħlu f'ieħor għall-konsum personali, jimmina l-funzjonament xieraq tas-suq intern u l-politiki nazzjonali tas-saħħa pubblika mmirati lejn it-tnaqqis tal-prevalenza tat-tipjip. Filwaqt li titqies ir-reviżjoni tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) XX/XXX [OP jekk jogħġbok daħħal in-numru u s-sena tad-Direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa applikati fuq it-tabakk u fuq il-prodotti relatati mat-tabakk adottata fl-istess jum bħal din id-Direttiva], huwa xieraq li d-dispożizzjonijiet fid-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262 għall-akkwist ta' oġġetti soġġetti għas-sisa minn individwi privati jiġu aġġornati, inkluż biex jiġu riflessi l-bidliet fil-kategoriji tal-prodotti tat-tabakk u biex jiġu introdotti kategoriji ġodda għat-tabakk manifatturat u għall-prodotti relatati mat-tabakk, inklużi s-sigaretti elettroniċi, it-tabakk imsaħħan u l-borż tan-nikotina.

Or. en

Emenda 4
Billy Kelleher

Proposta għal direttiva
Premessa 2a (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) L-imġiba tax-xiri għall-prodotti tat-tabakk fis-suq intern evolviet, b'mod li dak li jkun jieħu vantaġġ mid-disparitajiet fil-prezzijiet bejn l-Istati Membri biex jikseb kwantitajiet li jistgħu ma

jikkorrispondux għall-użu personali. Fl-istess ħin, huwa intrinsikament diffiċli għall-awtoritajiet li jiddistingwu bejn użu personali u intenzjoni kummerċjali minħabba l-limiti indikattivi relattivament kbar u għalhekk l-Istati Membri jiffaċċjaw diffikultajiet prattiċi sinifikanti biex jinfurzaw dawn il-limiti. Sabiex tiġi żgurata applikazzjoni aktar effettiva u uniformi ta' dawk ir-regoli, u biex jingħata kontribut għall-għan ġenerali tal-protezzjoni tas-saħħa pubblika, huwa xieraq li jiġu aġġustati l-limiti kwantitattivi indikattivi għall-prodotti tat-tabakk.

Or. en

Emenda 5
César Luena, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke

Proposta għal direttiva
Premessa 2b (ġdida)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2b) Il-bidliet fil-livelli gwida jenħtieġ li jkunu bbażati fuq il-prinċipju li prodotti fil-kategoriji l-ġodda fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) XX/XXX [OP jekk jogħġbok daħħal in-numru u s-sena tad-Direttiva tal-Kunsill dwar l-istruttura u r-rati tad-dazju tas-sisa applikati fuq it-tabakk u fuq il-prodotti relatati mat-tabakk adottata fl-istess jum bħal din id-Direttiva] iservu bħala sostituti għal prodott li diġà huma soġġetti għal-livelli gwida fl-ambitu tad-Direttiva tal-Kunsill (UE) 2020/262. Għalhekk, jenħtieġ li l-livelli gwida għal dawn il-kategoriji l-ġodda jkunu komparabbli ma' dawk il-prodotti li diġà huma inklużi fil-kamp ta' applikazzjoni. Barra minn hekk, il-livelli gwida eżistenti għat-tabakk manifatturat ma għadhomx jirriflettu l-objettivi attwali tas-saħħa pubblika jew ix-xejriet tal-konsum. Għalhekk huwa xieraq li dawk il-livelli jitnaqqsu biex jiġi żgurat li jibqgħu adattati għall-iskop tagħhom.

Dan l-approċċ jiżgura l-koerenza bejn ir-regoli tat-tassazzjoni u tal-moviment, jiskoraġġixxi s-sostituzzjoni bejn prodotti differenti liema sostituzzjoni tkun abbażi tat-taxxi, u jsaħħaħ il-politiki tas-saħħa pubblika biex titnaqqas il-prevalenza tat-tipjip billi jinżamm il-prezz effettiv fejn ikun disponibbli t-tabakk.

Or. en

Emenda 6
Rasmus Andresen
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva (UE) 2020/262
Artikolu 32 – paragrafu 3 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(1a) fl-Artikolu 32(3), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(a) għall-prodotti ***tat-tabakk***:	***(a) għat-tabakk u*** għall-prodotti ***relatati mat-tabakk***:
– sigaretti: ***800*** oġġett,	– sigaretti: ***400*** oġġett,
– cigarillos (sigarri li ma jiżnux aktar minn 3 g kull wieħed): ***400*** oġġett,	– cigarillos (sigarri li ma jiżnux aktar minn 3 g kull wieħed): ***200*** oġġett,
– sigarri: ***200*** oġġett,	– sigarri: ***100*** oġġett,
– tabakk għat-tipjip: ***1,0 kg;***	– tabakk għat-tipjip: ***500 g,***
	– tabakk imsaħħan: 400 oġġett jew 130 g ta' formati oħra,
	– likwidu għas-sigaretti elettroniċi: 50 ml,
	– borż tan-nikotina, prodotti oħra tan-nikotina: 300 g.

Or. en

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1772707890619&uri=CELEX%3A52025PC0581

Emenda 7
Billy Kelleher

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva (UE) 2020/262
Artikolu 32 – paragrafu 3 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(1a) fl-Artikolu 32(3), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(a) għall-prodotti tat-tabakk:	(a) għall-prodotti tat-tabakk:
– sigaretti: ***800*** oġġett,	– sigaretti: ***400*** oġġett,
– cigarillos (sigarri li ma jiżnux aktar minn 3 g kull wieħed): ***400*** oġġett,	– cigarillos (sigarri li ma jiżnux aktar minn 3 g kull wieħed): ***200*** oġġett,
– sigarri: ***200*** oġġett,	– sigarri: ***100*** oġġett,
– tabakk għat-tipjip: ***1,0 kg;***	– tabakk għat-tipjip: ***0,5 kg;***

Or. en

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1772707890619&uri=CELEX%3A52025PC0581

Emenda 8
César Luena, Jonás Fernández, Niels Fuglsang, Matthias Ecke

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva (UE) 2020/262
Artikolu 32 – paragrafu 3 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(1a) fl-Artikolu 32(3), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(a) għall-prodotti ***tat-tabakk***:	(a) ***għat-tabakk manifatturat u*** għall-prodotti ***relatati mat-tabakk***:
– sigaretti: ***800*** oġġett,	– sigaretti: ***400*** oġġett,
– cigarillos (sigarri li ma jiżnux aktar minn 3 g kull wieħed): ***400*** oġġett,	– cigarillos (sigarri li ma jiżnux aktar minn 3 g kull wieħed): ***200*** oġġett,
– sigarri: 200 oġġett,	– sigarri: 200 oġġett,

– tabakk għat-tipjip: ***1,0 kg;***	– tabakk għat-tipjip ***u tabakk manifatturat ieħor***: ***0,5 kg,***
	– ***tabakk tal-pipa tal-ilma: 0,5 kg,***
	– ***tabakk imsaħħan: 400 oġġett jew 130 g f'formati oħra,***
	– ***likwidi għas-sigaretti elettroniċi: 40 ml,***
	– ***borożtan-nikotina u prodotti oħra tan-nikotina: 200 g,***

Or. en

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1772707890619&uri=CELEX%3A52025PC0581

Emenda 9
Christophe Gomart

Proposta għal direttiva
Artikolu 1 – paragrafu 1 – punt 1a (ġdid)
Direttiva (UE) 2020/262
Artikolu 32 – paragrafu 3 – punt a

Test fis-seħħ	*Emenda*
	(1a) fl-Artikolu 32(3), il-punt (a) huwa sostitwit b'dan li ġej:
(a) għall-prodotti tat-tabakk:	(a) għall-prodotti tat-tabakk:
– sigaretti: ***800*** oġġett,	– sigaretti: ***200*** oġġett,
– cigarillos (sigarri li ma jiżnux aktar minn 3 g kull wieħed): ***400*** oġġett,	– cigarillos (sigarri li ma jiżnux aktar minn 3 g kull wieħed): ***100*** oġġett,
– sigarri: ***200*** oġġett,	– sigarri: ***50*** oġġett,
– tabakk għat-tipjip: ***1,0 kg;***	– tabakk għat-tipjip: ***0,25 kg;***

Or. en

https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?qid=1772707890619&uri=CELEX%3A52025PC0581